MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1540/2004

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C 5637) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi, u l-assikurat taghha George Buhagiar (ID 21264M) ta' Paul & Rocco (Gzira) Limited**

**Vs**

**Anthony Zammit**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Awissu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm635.59 (sitt mija hamsa u tletin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh nhar l-24 ta' Dicembru 2003 gewwa l-Imsida.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' sitt mija hamsa u tletin lira maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm635.59) danni kollha sofferti minnhom per konsegwenza tal-incident stradali illi gara fl-24 ta' Dicembru 2003 fi Triq Dun Karm Msida, Malta bejn il-vettura Mazda, misjuqa minnek min-numru CAK 745 u propjeta ta' Raymond Farrugia ta' John's Garage Ltd u dik Peugeot bin-numru EBF 817 propjeta ta' George Buhagiar assikurata mas-socjeta` attrici u misjuqa minn Emanuel Grech.

Dan l-incident gra unikament tort u htija tieghek peress illi inti hbat ma vettura illi kienet qeghda issuq quddiemek.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz lill-kumpanija assikuratrici tieghek, kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenut izda b'tort tas-sewwieq l-iehor involut fl-istess incident, minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess sewwieq, u ghalhekk il-konvenut m'ghandu jkun ikkundannat ihallas ebda danni.

F'kull kaz, l-atturi jridu jaghmlu l-prova tad-danni rejalment subiti minnhom.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kollizjoni hija wahda sfortunata ghall-ahhar. Kienet ix-xita, kien hemm id-diesel fit-triq. Hija haga *by pass /*

*regional road*, utilizzata ghall-ahhar. Hemm nizla, fil-kisra, *side road* fuq ix-xellug fid-direzzjoni lejn l-Imsida.

Il-konvenut ra vettura ddur u taqad quddiemu, u ha azzjoni evasiva biex ma jidholx fiha. Seta' kellu '*a proper look out*' ahjar, distanza ragjonevoli minn ma' quddiem, velocita` aktar baxxa? It-Tribunal huwa aktar tal-ferma opinjoni, li l-konvenut ma setax jaghmel xejn aktar minn dak li ghamel. L-isfortuna kienet li f'dak il-mument propizju, harget il-vettura attrici: possibbli ma rax il-vetturi gejjin? Ha l-prekawzjonijiet debiti qabel ma sporgja fit-triq?

Illi huwa pacifiku bejn iz-zewg xufiera li fl-art kien hemm presenza ta' diesel. Gurisprudenza nostrali tillibera xufier li jkun skidja / zelaq fuq element li ma kienx normali ghan-natura bhal per ezempju xita.

Illi huwa l-oneru tal-attur li jipprova li l-kagun tad-danni kien il-konvenut. F'dan il-kaz ma giex pruvat fuq bilanc ta' probabilta li kien tort l-istess konvenut.

Jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet in vista tac-cirkostanzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------